DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR201137** **16.06.2020**

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

L-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati Anġlu Farrugia jagħmel referenza għal dak li ġie rappurtat f'sezzjoni tal-istampa dwar proposta biex sala fil-Parlament tissemma għall-ġurnalista Daphne Caruana Galizia u għalhekk qiegħed jippubblika l-korrispondenza kollha li għaddiet sa issa f'dan ir-rigward.

**Attachments: 4** 

3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700
press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt

Lill-iSpeaker
Kamra tar-Rappreżentanti
Valletta

Illum, 3 ta' Mejju 2020

Sur President,

Niktiblek f'ismi u f'isem l-Oppożizzjoni.

L-assassinju tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia kien attakk feroċi kontra l-liberta' tal-espressjoni u tal-istampa u l-ġurnalizmu investigattiv.

Kif is-Sedja taf, il-Parlament Ewropew sija fi Brussel u sija fi Strasbourg ta gieħ lil Daphne Caruana Galizia billi anke iddedika Sala għaliha.

Aħna tal-fehma li l-Parlament Malti, d-dar tad-demokrazija Maltija, għandu juri l-istess rispett lejn din il-ġurnalista assassinata billi jsemmi għal Daphne Caruana Galizia s-Sala li l-bini tal-Parlament għandu fis-sular t'isfel.

Nemmnu li dan il-ġest huwa xieraq u huwa l-inqas li jista' jagħmel il-Parlament Malti biex isellem il-memorja ta' Daphne Caruana Galizia u l-liberta' tal-istampa.

Għażilt li nindirizzalek illum din it-talba peress li l-jum tat-3 ta' Mejju huwa l-Jum Internazzjonali iddedikat lill-Ġurnalizmu Ħieles, u għalhekk inħoss li din it-talba tal-Oppożizzjoni takkwista aktar importanza u għandha tintlaqa' minnufih.

Il-jum tat-3 ta' Mejju kien iddikjarat mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti preċisament biex ikun hemm għarfien akbar tal-importanza tal-liberta' tal-istampa u sabiex ilkoll nifktaru kif irridu nħarsu bl-aktar mod proattiv il-liberta' tal-espressjoni kif imħarsa mill-artikolu 19 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Nemmen għalhekk li dan il-ġest min-naħa tal-Parlament Malti mhux biss huwa xieraq imma anki dovut.

Inselli ghalik u nistenna tweġiba posittiva min-naħa tiegħek.

Adrian Delia,
Kap tal-Oppożizzjoni.

KAMRA TAD-DEPUTATI HOUSE OF REPRESENTATIVES
PARLAMENT TA' MALTA

*L-iSpeaker* *The Speaker*

9 ta' Ġunju 2020

**Onor. Adrian Delia M.P.**
Kap tal-Oppożizzjoni

Għażiż Adrian

Nagħmel referenza għall-ittra tiegħek tat-3 ta' Mejju, 2020 li biha, f'ismek u f'isem l-Oppożizzjoni tlabt li s-sala fil-bini tal-Parlament fejn nilqgħu talbiet tal-pubbliku in ġenerali kif ukoll ta' bosta għaqdiet oħra biex fl-istess bini jittellgħu wirjiet u attivitajiet ta' ġeneru varjat, tissemma' għal Daphne Caruana Galizia.

Din il-materja ġiet imqajjma waqt il-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra li ltaqa' l-bieraħ 8 ta' Ġunju fejn intweriet ix-xewqa li d-deċiżjoni titħalla f'idejn is-Sedja.

Is-Sedja tikkondividi miegħek l-importanza li jiġi mfakkar il-Jum Internazzjonali ddedikat lill-Ġurnaliżmu Ħieles kif stabbilit mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u f'dan ir-rigward tħeġġeġ sabiex dan il-jum jibda jiġi kommemorat b'indirizzi lill-Kamra min-naħa tal-Gvern, tal-Oppożizzjoni kif ukoll mis-Sedja, u dan kif isir f'okkażjonijiet oħra simili.

Fir-rigward li xi parti mill-bini tal-Parlament jissemma għal xi persuna partikolari, is-Sedja tara li r-rispett lejn imparzjalitá totali f'dawk li huma servizzi li s-Servizz Parlamentari jagħti lill-Membri għandha tkun ta' prijorita' assoluta f'kull ċirkostanza. Għaldaqstant, sabiex jiġi evitat kull ħjiel, jew anke perċezzjoni, li b'xi mod ġest jew azzjoni tista' tinftiehem bħala mhux totalment imparzjali, is-Sedja hija tal-fehma li l-ebda parti mill-binja m'għandha tissemma għal xi persuna partikolari, kemm jekk din tkun ġejja mil-qasam tal-politika jew ta' xi sfera oħra tas-soċjetá.

Is-Sedja tassigurak li din id-deċiżjoni qiegħda teħodha biss u fl-aħjar interess tal-istituzzjoni.

Anġlu Farrugia
Speaker

Kopja mibgħuta lill-Membri tal-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra.

KAMRA TAD-DEPUTATI HOUSE OF REPRESENTATIVES
PARLAMENT TA' MALTA

*Kap tal-Oppożizzjoni* *Leader of the Opposition*

15 ta' Ġunju 2020

L-Onor. Anġlu Farrugia
Speaker tal-Kamra tad-Deputati
Parlament ta' Malta.
Triq ir-Repubblika.
Il-Belt Valletta

Sur President.

Nirreferi għall-ittra tiegħek tad-9 ta' Ġunju 2020 fejn infurmajtni bir-rifjut tat-talba tal-Oppożizzjoni u tiegħi sabiex sala fil-bini tal-Parlament tissemma' għal Daphne Caruana Galizia.

Ippermettili nirreġistra miegħek in-nuqqas ta' qbil tal-Oppożizzjoni u tiegħi mad-deċiżjoni li tirrifjuta l-imsemmija talba. L-Oppożizzjoni ma taqbilx mal-argument li jekk sala fil-Parlament Malti tiġi msemmija għal din il-ġurnalista, li nqatlet minħabba xogħolha, tixxellef l-imparzjalità tas-Servizz Parlamentari.

Ippermettili nfakkar li fis-Seduta 181 tat-12 ta' Diċembru 2018, il-Kamra tad-Deputati approvat mozzjoni li ttenni l-kundanna tagħha għall-assassinju tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia.

Ilkoll nafu li Daphne Caruana Galizia ma kinitx tħares lejn l-uċuħ fix-xogħol tagħha u kienet tgħid dak li temmen fih, kien min kien. Ħidma ġurnalistika bħal din hija essenzjali għad-demokrazzija u aħna fid-dmir li nipproteġuha.

L-Oppożizzjoni temmen li l-Parlament ma jistax ikun newtrali jew sieket quddiem il-qtil ta' ġurnalista minħabba xogħolha.

Aħna fid-dmir li nħarsu, niddefendu u nfakkru l-memorja ta' min ħallas b'ħajtu talli qeda dmiru ta' ġurnalist. Dan hu dak li diġà għamel il-Parlament Ewropew, li mhux biss iddedika sala għal Daphne Caruana Galizia iżda saħansitra niedu premju għall-ġurnaliżmu investigattiv li ssemma għaliha.

Id-deċiżjoni li l-Parlament Malti ma jkollux sala msemmija għal Daphne Caruana Galizia mhux talli tfakkarni fl-attitudni ta' min irid inessi l-memorja tagħha u min irid ixekkel kull sejħa għall-ġustizzja sħiħa magħha iżda effettivament ikun qed jonqos propju lejn id-demokrazija nnifisha.

Għalhekk f'ġieħ is-sewwa u f'ġieħ l-istatus tal-Parlament bħala l-ogħla salwagwardja tad-demokrazija qiegħed ġentilment nitolbok tirrikunsidra d-deċiżjoni tiegħek.

Inselli għalik

Adrian Delia
Kap tal-Oppożizzjoni

KAMRA TAD-DEPUTATI HOUSE OF REPRESENTATIVES
PARLAMENT TA' MALTA

*L-iSpeaker* *The Speaker*

**Onor. Adrian Delia M.P.**
Kap tal-Oppożizzjoni

Għeżież Adrian, 16 ta' Ġunju 2020

Nagħmel referenza għall-ittra tiegħek datata 15 ta' Ġunju 2020.

Is-Sedja tibda billi tassigurak li hija tissottoskrivi totalment għal dak kollu li ġie adottat mill-Kamra bil-Mozzjoni 179 kif approvata fit-12 ta' Diċembru 2018 fejn kien hemm il-kundanna għall-assassinju tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia u, fost affarijiet oħra, ir-rikonoxximent tal-importanza tal-irwol li l-midja għandha llum f'soċjetá demokratika fir-rispett tal-obbligi u tar-responsabbilitajiet illi dan l-eżerċizzju tad-dritt tal-libertá tal-espressjoni jġib miegħu.

Is-Sedja tassigurak ukoll li hija ma għandha l-ebda intenzjoni jew xewqa li b'xi mod tnessi l-memorja ta' dan l-assassinju faħxi u lanqas li xxekkel il-kors tal-ġustizzja fl-investigazzjoni ta' dan l-assassinju u dan anke għaliex mill-esperjenza tagħha bħala investigatur taf kemm huwa ikrah u deplorevoli dan it-tip ta' reat kriminali.

Is-Sedja ttenni li l-pożizzjoni li ħadet, wara li ġiet mitluba tagħmel dan mill-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra, kienet ibbażata unikament fuq iż-żamma tan-newtralitá fejn jirrigwarda kull qasam fis-servizzi mogħtija fil-bini tal-Parlament, li allura jinkludi s-sala fejn normalment jittellgħu l-esibizzjonijiet u jsiru l-attivitajiet mill-pubbliku inġenerali u minn kull qasam tas-soċjetá.

Qed jiġi rilevat ukoll li s-Sedja hija ggwidata wkoll minn dan il-prinċipju fir-rigward ta' persuni li ħadmu qatigħ fil-mixja demokratika ta' pajjiżna, bħal min ġabilna l-Indipendenza, min għamilna Repubblika, min ħadem biex dħalna fl-Unjoni Ewropea, kif ukoll min saħansitra ġie eżiljat jew anke tilef ħajtu biex is-sena d-dieħla nistgħu nfakkru l-mitt sena anniversarju tal-Parlament Malti. Dan biex ma nsemmux in-numru ta' politiċi u persuni oħra fis-soċjetá li tant ħadmu għall-ġid tal-proxxmu tagħhom f'kull qasam tas-soċjetá. Hekk kif issemmi sala għal xi ħadd, tqum il-mistoqsija għaliex mhux għal xi ħadd ieħor, u immedjatament tinqala' kontroversja minkejja kull intenzjoni tajba li għaliha jkun sar dan il-ġest u minkejja l-ġid kollu li dik il-persuna tkun wettqet tul ħajjitha.

Is-Sedja ħadet il-pożizzjoni li ħadet għaliex dan ma tixtieqx tarah jiġri fil-bini tal-Parlament minkejja li hija konxja li meta taġixxi b'dan il-mod mhi se tiskorja punti mal-ebda parti tas-soċjetá. L-uniku interess tas-Sedja huwa dak li taġixxi b'imparzjalitá totali u dan purament fl-interess tal-Istituzzjoni.

Sellimli għalik,

**Anġlu Farrugia**
Speaker